# Birkirkara fl-1852

Winston L. Zammit B.A.(Hons), M.A., P.G.C.E.

## It-tmexxija ċivili

Fl-1852 it-tmexxija ċivili ta' Birkirkara kienet fdata f'idejn is-Sindku tat-Tielet Distrett. Fl-1839 il-Gvern Kolonjali Ingliż kien qasam il-kampanja ta' Malta f'seba' Distretti u fuq kull distrett kien qiegħed uffiċjal bl-isem ta' Sindku, li kellu jkun Avukat. It-tielet distrett kellu fil-konfini tiegħu lil Birkirkara u lit-tliet irħula viċin ta' Ħ'Attard, Ħal Balzan u Ħal Lija. Is-sindku fl-1852 kien l-Avukat Dr. Luigi Onofrio li kien ġie maħtur fl-1839.[1] Huwa kien joqgħod f'Birkirkara fi *Strada Reale*.[2]

## Il-popolazzjoni

Fil-31 ta' Marzu 1852, is-Sindku Dr. Onofrio għamel rapport dettaljat dwar id-distrett fdat f'idejh, li kien ikopri periodu ta' sitt xhur (16.IX.1851 sa 15.III.1852). Minnu nisiltu tagħrif importanti dwar Birkirkara.

Minn dan ir-rapport nafu li fil-15 ta' Settembru 1851, Birkirkara kellha popolazzjoni ta' 6642. fis-sitt xhur li jkopru r-rapport twieldu 194 u mietu 94, b'hekk il-popolazzjoni f'Marzu tal-1852 kienet ta' 6742.



*Id-dar tas-Sindku, l-Avukat Dr. Luigi Onofrio*

[1] M(alta) G(ovt) G(azzette) 16.VIII.1839, pp 159, 160, 161.
[2] Ibid., 24.I.1852, p. 55.

Dan ir-rapport jidħol ukoll fid-dettall dwar it-twelid, l-imwiet u ż-żwiġijiet li seħħew fil-periodu msemmi:

| Periodu | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Minn | Sa | Twelid | Imwiet | Żwiġijiet |
| 16 Settembru | 15 Ottubru | 36 | 12 | 6 |
| 16 Ottubru | 15 Novembru | 35 | 21 | 2 |
| 16 Novembru | 15 Diċembru | 27 | 19 | 1 |
| 16 Diċembru | 15 Jannar 1852 | 37 | 17 | 3 |
| 16 Jannar | 16 Frar | 28 | 13 | 14 |
| | | **194** | **94** | **26**[3] |

## Is-*settlement pattern*

Mir-Reġistru elettorali tal-1852 nieħdu idea tat-taqsim ta' Birkirkara fl-1852 u t-toroq tagħha. Iċ-ċentru ta' Birkirkara, bħal-lum, kienet Pjazza Sant'Elena bil-Kolleġġjata Elenjana fiha. Iżda xi mkien ieħor kien hemm pjazzetta.

Fuq il-lemin tal-Kolleġġjata Elenjana kien hemm dawn it-toroq: Strada Reale Ħas-Sajjied, Laqxija, Vitorja, Wara l-Vitorja, Mina Busweru (Tgħid Sqaq Bazzaru?)

Fuq ix-xellug tal-Kolleġġjata kien hemm it-toroq: Għar il-Ġobon, San Ġiljan u Lsiera.

'L isfel minn Pjazza Sant'Elena:

Fuq il-lemin: Strada Rjali, Sqaq Bwieraq, Sqaq San Pawl.

Fuq ix-xellug: Santu Rokku u Sqaq, Triq l-Imsida u Sqaq Qrejżu u Wejter.

Kien hemm il-Wied – Vallone – u fuq il-Wied, Strada Molino, illum Old Church Street., Triq l-Imrieħel u Triq Fleur de lys...



Minbarra t-toroq imsemmija, fihom kien hemm dawn is-sqaqien: Decelis, Vestru, Biccier, Sampusa, Kanċella.

B'kollox mela kellek il-pjazza prinċipali (Sant'Elena), Pjazzetta, 16-il triq u 10 sqaqien.[4]

## Il-Biedja

Dan is-*settlement pattern* jurina biċ-ċar kemm mdeded kbar ta' art f'Birkirkara tal-1852 kienu għadhom raba', li fih mir-rapport tas-Sindku, kienu jkabbru l-qamħ, ix-xgħir, il-maħlut u l-qoton.[5]

[3] **A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) C.S.G./01, Reid Vol. V, 746.**

[4] MGG 21.IV.1852 pp. 55,56; 5.X.1852 P. 180; 18.X.1852 p202.

[5] ANM (CSG/01) Reid Vol V, 746.

## Professjonisti

F'Birkirkara tal-1852, minbarra kleru numeruż, kien hemm ukoll numru ta' professjonisti:

Tobba: Dr. PaoloMifsud (it-tabib tal-berġa) Dr. Antonio Cassar u Dr. Paolo Borg (l-ex-logutenent ta' Birkirkara, dawk li kienu kapijiet fl-irħula qabel is-Sindki, 1818-1839).

Avukati: Dr. Luigi Onofrio (Is-Sindku), Dr. Paolo Lauron.[6]

Nutara: Francesco Saverio Bugeja, Gaetano Casha u Ġużeppi Gatt.[7]

Prokuratur Legali: Salvatore Reynaud.

Farmaċisti (Spiżjara): Giuseppe Mallia u Antonio Gatt.[8]

## Servizzi tal-Gvern



F'Birkirkara f'dak iż-żmien kien hemm tliet servizzi tal-Gvern li kienu s-servizz tal-Pulizija, l-iskola primarja u t-tabib tal-Berġa.

Dwar is-servizz tal-Pulizija f'Birkirkara, insibu li fl-1851 kien hemm stazzjonat pulizija wieħed.[9]

L-iskejjel primarji ta' Birkirkara, kemm tal-bniet u kemm tas-subien, jafu l-bidu tagħhom fl-1842.[10] Fl-1852 iż-żewġ skejjel primarji kienu jinsabu fi Strada Msida.[11] Fl-1852 wkoll il-kapijiet taż-żewġ skejjel kienu Lorenzo Pisani tas-subien u Marianna Borg tal-bniet.[12] *(possibbilment pix skola l-qadima – Taċ-Conk)*

Minn rapport li sar mid-Direttur tal-Iskejjel, Dun Pawl Pullicino, fit-30 ta' Ġunju 1852, insibu li l-iskola tas-subien kienet iffrekwentata minn 130 tifel li kienu mqassma hekk: Classe Inferiore – 50; Classe Seconda – 36; Classe Terza – 30; Classe Quarta – 20; Totale – 130.

Nafu wkoll li f'Marzu 1852 kien hemm 93 tifel li kienu qegħdin jattendu regolarment u 112 tifla li kienu qed jattendu regolarment.[13]

---

[6] MGG 21.IV.1852 pp.55; 5.X.1852 p.180. Dr Paolo Lanzon kien joqgħod fi Triq l-Imsida. Wara huwa sar saċerdot u kien ordnat fl-1856. Ta servizz twil lid-Djoċesi bħala Kappillan f'Ħal Tarxien (1864-1876), Arċipriet tal-Furjana (1876-1886, Kanonku tal-Katidral (1886), Vigarju Ġenerali (1887) u Arċidjaknu (1894). Miet fl-10 ta' Mejju 1895. (ara *L'Ordine* 21.V.1895).

[7] MGG 21.IV.1852 p. 55.

[8] Ibid; 5.X.1852 p. 180; 18.X.1852 p.202.

[9] *Census of Malta & Gozo* 185, Abstract No. 29.

[10] ANM (CSG/04/letters April 1842-June 1844) Letters to Giuseppe Casolani 28.VI.1842 p. 47, 31.XII.1842 p. 156.

[11] Malta Blue Book 1852 p. 282

[12] Ibid.

[13] ANM; CSG/01/Reid Vol. 9 No. 1315.

Is-servizz tat-tabib tal-Berġa, imħallas mill-Gvern, li kien inbeda fl-1848,[14] kien qed isir mit-Tabib Paolo Mifsud.[15]

## Servizzi privati

Mir-Rapport tas-Sindku (31.III.1852) nafu li f'Birkirkara kien hemm b'kollox 157 bejn ħwienet u negozji, imqassmin hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tverni bl-inbid | 59 | Buttara *(jagħmlu l-btieti)* | 1 |
| Tverni mingħajr inbid | 22 | Spiżjara | 3 |
| Biċċiera | 5 | Jaħdmu l-karettuni | 4 |
| Bejjiegħa tad-drappijiet | 5 | Jaħdmu n-nagħal | 5 |
| Ħajjata u Barbiera *(irġiel)* | 16 | Negozjanti tal-Qoton | 1 |
| Mastrudaxxi | 8 | Kurdara *(jaħdmu l-ħbula)* | 1 |
| Skrapar | 6 | Furnara | 11 |
| Żebbiegħa | 5 | | [16] |

## Il-Parroċċa Elenjana

Il-limiti tal-parroċċa Elenjana fl-1852 kienu ferm akbar milli huma llum, għax minbarra Birkirkara propja, kienet tinkludi fil-limiti tagħha, il-limiti fejn illum hemm il-parroċċa ta' Fleur de lys, parti mil-limiti ta' Santa Venera u l-Ħamrun, il-limiti tal-parroċċa tal-Imsida, il-Gżira, Tas-Sliema. San Ġiljan, Tal-Ibraġ, Pembroke u San Ġwann.

Il-kap tal-parroċċa Elenjana kien il-Kan. Prepostu-Arċipriet Dun Ġużepp Debono D.D., li kien ħa f'idejh it-tmexxija tal-parroċċa fl-1833.[17] Fil-qadi ta' dmirijietu l-Prepostu Debono kellu l-għajnuna tal-Viċi-Parroċi. Bejn April u t-3 t'Awwissu, insibu bħala Vici-Parroku lil Dun Franġisk Saverju Agius. [18] Wara bħala Viċi-Parroku insibu tnejn: Dun Ġwann Micallef u l-Kan. Dun Ġwann-Battista Borg.[19] Dan tal-aħħar beda jaġixxi bħala Vici-Parroku b'effett mill-24 ta' Awwissu 1852.[20] Iżda minn barra dawn il-Viċi-Parroċi, il-Prepostu Debono kellu żewġ Viċi-Parroċi oħra jgħinuh fil-periferiji tal-parroċċa kbira tiegħu. Wieħed, Dun Ġużepp Fenech minn Birkirkara, kien fil-Viċi-Parroċċa tal-Imsida[21] li kienet twaqqfet fl-1835, u l-ieħor, Dun Ġużepp Xerri, kien Viċi-Parroku f'San Ġiljan, kariga li twaqqfet fl-1849.[22]

## Il-Kapitlu Elenjan

Fil-bidu tal-1852 il-Kapitlu Elenjan kien magħmul minn dawn il-kanonċi: Prepostu-Arċipriet Kan. Ġużepp Debono D.D., Kantur Dun Ġlormu Debono, Teżorier Dun Vinċenz La Speranza, u l-kanonċi Ġwann Marija Falzon (li kien il-Kanonku Anzjan tal-fundazzjoni

[14] ANM, CSG/04/21 Letter to Dr. Paolo Mifsud 13.XII.1848 pp. 303, 304.
[15] Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
**[16] ANM CSG/01/Reid Vol. V, 746.**
[17] Ferris A., Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo (1866) p. 321.
[18] A(rkivju) P(arrokkjali) B(irkirkara) Lib. Bapt. 1851-1860.
[19] A.P.B. Lib. Bapt. 1851-1860.
[20] A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili), Recenti collazioni dei Canonicati di Birkirkara 1859-1900 f.150 R.
[21] Calleja Fr. Joe: L-Imsida l-Bieraħ u Llum (1989) Vol I, p.41.
[22] Tagħrif fil-pussess tal-awtur.



Filippina), Penitenzier Dun Franġisk Cardona, Dun Alwiġ Borg, Dun Anton Micallef, Dun Kustanz Sant, Dun Mikiel Tonna, Dun Franġisk Mallia, Dun Feliċ Grech, Dun Kalċidon Debono. Dun Ġwakkin Vassallo, Dun Franġisk Borg, Teologu Dun Awreljo Borg, Dun Ġwann Battista Borg.[23]

Il-Kanonku Ġwann Marija Falzon, li kien il-Kanonku Anzjan tal-Fundazzjoni Filippina, u li kien joqgħod Ħal Balzan, miet fl-14 ta' diċembru 1852. Il-funeral u d-difna tiegħu saru fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. [24]

Iżda minbarra l-membri tal-Kapitlu Elenjan f'Birkirkara kien hemm residenti numru ta' Saċerdoti li kienu: Dun Tumas Decelis, Dun Vinċenz Gauci, Dun Anton Gafà, Dun Ġwann Grech, Dun Ġużepp Mifsud, Dun Fotunato Vella, Dun Vinċenz Vassallo, Dun F. S. Agius (Viċi-Parroku sa Awwissu 1852), Dun Ġwann Debono, Dun Franġisk Gauci, Dun Ġwann Micallef (Viċi-Parroku) u Dun Feliċ Borg.[25] Żewġ Saċerdoti oħra kienu qegħdin jagħtu s-servizz tagħhom barra mill-parroċċa. Dawn kienu Dun Kalċidon Agius li kien jgħallem fis-Seminarju[26] u Dun Anton Mallia li kien Viċi-Parroku fir-Rabat.[27]

## Il-knejjes tal-parroċċa

F'Birkirkara propja kien hemm b'kollox seba' knejjes li kienu: Il-Kolleġġjata Elenjana, is-Santwarju tal-Madonna Tal-Ħerba, il-knisja ta' Santu Rokku, il-Knisja ta' Santa Katerina u Sant'Antnin, il-knisja tal-Vitorja (li kellha bħala prokuratur lil Dun Franġisk Vassallo,[28] il-knisja ta' San Pawl tal-Wied (li kellha bħala Prokuratur lill-Perito-agrimensore Salvatore Grech)[29] u l-Knisja l-Qadima.

Fil-limiti tal-parroċċa, barra Birkirkara propja, kien hemm dawn il-knejjes: F'Santa Venera l-knisja ta' Santa Venera (illum il-qadima); fl-Imsida tal-Immakulata Kunċizzjoni (qrib l-Għajn tal-Ħasselin); F'Tas-Sliema tal-Madonna tal-Grazzja (qrib Stella Maris); F'San

[23] AKA, Viżta Pastorali Sant 1849 ff. 177V, 178R u tagħrif fil-pussess tal-awtur.

[24] APB, Liber Defunctorum Vol 6.

[25] MGG, 21.IV.1852 pp.55, 56; 6.X.1852 p.180.

[26] A(rkivju) K(atidral) M(alta) Concorso Birkirkara 1853.

[27] Ibid.

[28] Ferris A., op.cit. pp.322, 323, 324; AKA, Viżta Pastorali Sant 1848-1849 f.187V, fejn insibu li Dun Franġisk Vassallo ġie maħtur Prokuratur ta' din il-knisja fil-Viżta Pastorali tal-1849 (Ara AKA, Suppliche 1852-1853 Vol, ff. 287R, 287V.

[29] Il-knisja ta' San Pawl tal-Wied bdiet tinbena mill-ġdid fl-1582, fuq pjanta tal-Perit Giuseppe Bonavia, fuq inizjattiva ta' Giuseppe Darmanin. L-ewwel ġebla tqiegħdet fit-2 ta' Ġunju 1852. (ara Ferris A., op.cit. p. 324); ANM, Petitions Reid Vol.5, No 1093 fejn insibu li l-Perito Agrimensore Salvatore Grech kien il-prokuratur ta' din il-knisja.



Ġiljan ta' San Ġiljan (il-qadima magħrufa bħala *Ta' Lapsi*) u tal-Kunċizzjoni ta' Spinola.

Fl-inħawi ta' San Ġwann tal-lum: San Ġwann tal-Għargħar, Santa Margerita, ta' San Filippu u San Ġakbu (magħrufa bħala Tal-Prepostu, f'Tal-Balal) u tal-Annunzjazzjoni u San Leonardu (magħrufa bħala Tal-Minsija).[30]





## Il-festa ta' Santa Liena 1852

B'rabta mal-Kolleġġjata Elenjana insibu li fit-18 t'Awwissu, bħal kull sena, ġiet iċċelebrata l-festa titulari ta' Sant'Elena. Il-funzjonijiet prinċipali tal-festa tmexxew mill-Kan. Prepostu Dun Ġużepp Debono. Il-paniġierku sar minn Dun Franġisk Caruana, Kappillan ta' Ħal Balzan u l-mużika kienet tas-Surmast Bugeja. Skont gazzetta lokali, iċ-ċerimonji kienu maestużi, sabiħa l-festa ta' barra u l-konkors tan-nies kien kbir.[31]

[30] Ferris a., op.cit. pp. 325-7, 330-2.
[31] *L'Ordine* 21.VIII.1852.